Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 444/2002/1

**Avviz numru 444/02DM**

**M. Demajo Timbers Limited**

**Vs**

Gwido Agius Furniture Limited

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' erba' telef u tmien mitt liri Maltin (Lm4,800) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici fuq istruzzjonijiet taghhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat- 28 ta' Mejju, 2002, u tat-3 ta' Gunju 2002, bl-imghax legali mid-data

tal-konsenja sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esibiti u semghet il-provi prodotti mill-kumpanija attrici issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' erba' telef u tmien mitt liri Maltin (Lm4,800) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxi legali b'effett mit-28 ta' Mejju 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.